



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1661/2009, ippreżentata minn Gábor Magyar, ta' nazjonalità Ungeriża, f'isem id- 'WWF Hungary Foundation' dwar navigazzjoni interna fil-parti Ungeriża tad-Danubju u r-riskju tal-qerda tal-ekosistema

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jipprotesta dwar il-pjanijiet ta' żvilupp għal navigazzjoni interna fuq id-Danubju, imfasslin mill-awtoritajiet Ungeriżi, skont il-programm tal-UE għall-iżvilupp tan-Netwerk Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Il-petizzjonant jirreferi għall-impatt negattiv prospettiv fuq id-diversità bijoloġika taż-żona u jenfasizza li dan jikkostitwixxi nuqqas sfaċċat ta' konformità ma' numru ta' atti legali applikabbli tal-UE. Fl-istess ħin peress li huwa jagħraf l-importanza tan-navigazzjoni interna, huwa jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew biex jintervienu biex jiżguraw konformità perfetta mal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 24 Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa mħasseb dwar il-proċedura ta' approvazzjoni għall-proġetti li hija applikata fir-rigward tal-iżvilupp tan-navigazzjoni interna fuq il-meded Ungeriżi tax-Xmara Danubju. Il-petizzjonant jallega li l-proċess ta' ppjanar qed jitwettaq bi ksur tal-atti legali

applikabbli tal-UE, partikolarment id-Direttiva dwar l-SEAs¹, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma² u d-direttivi rilevanti tal-UE dwar in-natura³.

F'Novembru 2009 l-Kummissjoni rċeviet ilment li kien qed iqajjem l-istess kwistjonijiet tal-petizzjoni.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Il-Kummissjoni hija konxja sew tal-pjanijiet għat-titjib tal-kundizzjonijiet interni ta' navigazzjoni fuq il-meded Ungeriżi tad-Danubju. Dan l-iżvilupp huwa parti integrali tal-proġett akbar tan-Network ta' Trasport Ewropew (TEN-T) li għandu l-għan li jippromwovi t-trasport fuq l-ilmijiet interni fuq ix-Xmara Danubju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tax-Xmara Danubju (ICPDR), il-Kummissjoni tad-Danubju u l-Kummissjoni Internazzjonali tax-Xmara Sava, ġiet adottata Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prinċipji ta' Gwida għall-Iżvilupp ta' Navigazzjoni Interna u Ħarsien tal-Ambjent fil-Baċir tax-Xmara Danubju⁴, li stabbilixxiet gwida għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jittrattaw it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u s-sostenibilità ambjentali, kif ukoll għal ġesturi tal-ilma li jippreparaw pjanijiet, programmi u proġetti li jikkonċernaw in-navigazzjoni. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta inkludiet rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-prinċipji ta' ppjanar integrat li jiffaċilitaw it-twertiq tal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE msemmija hawn fuq.

Il-Kummissjoni żammet kuntatt regolari mal-awtoritajiet Ungeriżi responsabbli minn dan l-iżvilupp. Skont l-informazzjoni tal-Kummissjoni, it-talba għall-offerti għall-istudji dwar it-titjib tan-navigabilità tad-Danubju ġiet aġġornata billi ddaħħlet klawżola speċifika li tipprovdi li, fit-twertiq tal-ħidma definita fl-kuntratt, il-parti kontraenti għandha tagħmel l-isforz dovut biex tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta msemmija hawn fuq. L-aħħar informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Ungeriżi tindika li valutazzjoni ambjentali strateġika (SEA) ġiet konkluża u approvata f'Jannar 2010.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni tifhem li l-proċedura tal-approvazzjoni tal-ippjanar għal dan l-iżvilupp għadha għaddejjja u li s'issa ma nġhatat l-ebda awtorizzazzjoni formali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li, skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa, jidher li l-proċeduri ta'

¹ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent,

² Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma,

³ Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar), u d-Direttiva Tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Habitats), *ĠU L* 206, 22.7.1992, p. 7

⁴ Għal aktar informazzjoni ara: http://www.icpdr.org/icpdrpages/navigation_and_ecology_process.htm

stima qed jitwettqu b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE msemmija hawn fuq.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li jkun hemm konformità mal-obbligi tal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE. Għaldaqstant, fir-rigward tat-tfassil imqajjem mill-petizzjonant, il-Kummissjoni għal darb'oħra ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi, permezz ta' ittra f'Diċembru 2009, għall-ħtieġa li jirrispettaw l-obbligi tad-direttivi ambjentali tal-UE msemmija hawn fuq, u stednithom isegwu wkoll l-prinċipji stabbiliti fl-Istqarrija Konġunta ta' hawn fuq.

Abbażi tar-risposta mill-awtoritajiet Ungeriżi u peress li ma kienx possibbli għall-Kummissjoni li tidentifika xi ksur tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq l-investigazzjoni tagħha.